Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 31**

**Data:** Il-Ħamis, 25 ta' Lulju 2024
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Online**
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**31.1 Ittri ta' apoloġiji**

31.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi, s-Sur Jesmond Aquilina, is-Sur Steven Axisa, u is-Sur Stephen Sultana talbu li jkunu skużati.

31.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti li jitniżżlu bħala skużati.

31.1.3 Il-President semma li minħabba problemi ta' saħħa, is-Sur Sandro Azzopardi talab li jkun preżenti online.

**31.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 30**

31.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

31.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Anthony Chircop, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**31.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 31**

31.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Chircop u l-Kav. Paul Farrugia, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Ġunju 2024 u l-25 ta' Lulju 2024 li kienet tammonta għal €182,020.65.

**31.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 30**

| | |
|---|---|
| **31.4.1 INDIS** | Il-President semma li saret laqgħa mal-Onor. Silvio Schembri sabiex ikompli tiġi diskussa din il-materja. Sa issa semma li ma kien hemm l-ebda żviluppi. |
| **31.4.2 Talba għall-Laqgħa mal-President ta' Malta** | Il-President semma li l-laqgħa ġie skedata għat-2 t' Awwissu 2024 u l-Eżekuttiv huwa mistieden. |
| **31.4.3 Ftheim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li kien hemm laqgħa oħra tal-Ftehim Kollettiv. Semma li qed jiġi diskuss li l-performance bonus kif ukoll il-progression minn skala għal oħra.<br>L-Eżekuttiv iddiskuta u kien hemm qbil li:<br>- Performance bonus jibda minn 0% u jibqa' tiela sa 10% |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

- AM jkunx hemm progression mingħajr taħriġ
- Ma jkunx hemm scale allowance

Il-President semma li ser ikunu qed jitkomplu d-diskussjonijiet.

| | |
|---|---|
| **31.4.4 Ukranine Summer Camp** | Il-President semma li mill-Kummissjoni Ewrpea provdewlna d-dati kif ukoll il-possibbilita' li jibgħatu madwar ħmistax-il student. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Charles Bonello kien hemm qbil li l-Assoċjazzjoni tkompli taħdem sabiex tfassal il-programm. |
| **31.4.5 Melodija** | Il-President semma li l-attivita' Melodija kienet waħda sodisfaċenti kif ukoll kien hemm kliem ta' tifħir minn kull min attenda. Il-President semma li l-pagamenti kollha inklużi mal-iskeda tal-pagamenti. Irringrazzja lit-tim amministrattiv tal-ħidma tagħhom. |
| **31.4.6 Coaching** | Il-President semma li komplew id-diskussjonijiet mat-tim ta' esperti fil-qasam sabiex dan is-servizz jingħata lis-Sindki u Kunsilliera. Semma li s-seminar relatat li jmiss ser ikun organizzat nhar 28 ta' Settembru u li għalih ġiet ukoll mistiedna l-President ta' Malta. |

**31.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **31.5.1 Apprentistat** | Il-President semma li kien hemm xi kwistjoni għaddejja bejn l-impjegati tal-Assoċjazzjoni u wieħed mill-apprentistati assenjat mal-Assoċjazzjoni. Il-President semma li kienet saret laqgħa interna mal-impjegati u li kien ċar dwar l-obbligi u r-responsabbilitajiet tagħhom lejn il-ħaddiema l-oħra ta' kull grad. Semma li wieħed mill-apprentistati kien issottometta r-riżenja tiegħu. |
| **31.5.2 ALL Digital** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kompliet il-laqgħat ma' l-ALL Digital sabiex possibbilment niksbu l-unur li jiġi organizzat s-Summit ġewwa Malta. Semma wkoll li qed nipparteċipaw f' diversi proġetti magħhom. |
| **31.5.3 Ambaxxatur Albanija** | Il-President semma li bdew diskussjonijiet mal-Ambaxxatur tal-Albanija sabiex ikun hemm aktar kooperazzjoni fuq livell ta' Kunsilli Lokali bejn iż-żewġ pajjiżi. |
| **31.5.4 Kaleci Old Town Festival** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tħallas l-biljetti tal-ajru tas-Sur Charles Bonello, is-Sur Jesmond |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Aquilina u s-Sur Max Zammit sabiex imorru jirrappreżentaw lill-Assoċjazzjoni ġewwa t-Turkija.

**31.5.5 Permessi tal-Caravans**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed toġpezzjona għall-proċedura li ġiet approvata mid-Diviżjonali għall-Gvern Lokali rigward ksib ta' permessi għall-caravans. Il-President semma li s-sistema mhux qed tiffunzjona kif suppost meta bħala Assoċjazzjoni irnexxilha tikseb permess sab iex tipparkja l-caravan fi triq ewlenija ġewwa l-Belt u dan ma kienx irrifjutat.

**31.5.6 Focus Europe**

Il-President semma li għaddejjin diskussjonijiet ma' Focus Europe sabiex l-Assoċjazzjoni tibbenifika minn proġetti Ewropej.

**31.5.7 ALDA**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni intgħażlet sabiex tkun parti mill-Migrant Hub kif ukoll sabiex tipparteċipa f' taħriġ fuq l-inklużjoni u l-imigranti.
Il-President semma wkoll li l-Assoċjazzjoni applikat sabiex ikun hemm taħriġ organizzat mill-ALDA għall-Membri Eletti ġewwa Malta.

**31.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tat-Tieni Kwart tas-Sena 2024**

31.6.1 Il-President ippreżenta r-Rapport Finanzjarju u ta spjega tiegħu. Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, kien approvat ir-rapport kif preżentat.

**31.7 Aġġornament**

31.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 29 t' Awwissu 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.32 li nżammet nhar il-Ħamis, 29 t' Awwissu 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**